**SEJĦA GĦAL PROPOSTI TA’ PROĠETTI TAĦT IL-FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR)**

**B’total indikattiv tal-allokazzjoni finanzjarja ta’ €37 miljun**

Id-Diviżjoni għall-Ippjanar u l-Koordinażżjoni tal-Prijoritajiet fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għadha kif nehdiet sejħa ġdida għall-proposti ta’ proġetti biex ikunu kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) 2007-2013.

Applikanti eliġibbli huma mistiedna li jissottomettu l-applikazzjonijiet għall-proġetti relatati mas-settur Infrastruttura għall-Edukazzjoni, Soċjali u dik marbuta mas-Saħħa, li jaqa’ taħt l-Assi ta’ Prijorita’ 6 ‘*Riġenerazzjoni Urbana u Titjib fil-Kwalita` tal-Ħajja* tal-Programm Operattiv I. Din is-sejħa hija ristretta għall-interventi *fl’infrastruttura tas-Saħħa* f’Malta u Għawdex.

Applikanti prospettivi għandhom jieħdu nota tat-total indikattiv tal-allokazzjoni finanzjarja għal din is-sejħa li huwa ta` EUR 37 miljun. Is-sejħa ser tagħlaq **f’nofsinhar (12:00 hrs)** tal-**Ġimgħa 23 ta’ Ottubru 2009**. Il-Programm Operattiv, il-Formola tal-Applikazzjoni, n-Noti ta’ Gwida, kif ukoll aktar informazzjoni jistgħu jitniżżlu minn fuq il-paġna elettronika: www.ppcd.gov.mt/calls_all.

Għall-aktar tagħrif, l-applikanti prospettivi huma mistiedna japplikaw għal **Sessjoni ta’ Informazzjoni** ta’ nofs ta’ nhar li ser isir nhar il-**Erbgħa 7 ta Ottubru 2009 bejn 14:00pm-17:00pm**. Il-formola għar-reġistrazzjoni għas-Sessjoni ta’ Informazzjoni tista’ tinkiseb minn fuq il-paġna elettronika: www.ppcd.gov.mt/calls_all. Il-formula mimlija għandha tintbagħat lil Ms. Amanda Borg (amanda.c.borg @gov.mt) sa mhux aktar tard minn **nofsinhar tal-Gimgħa 2 ta` Ottubru 2009**.

Il-postijiet huma limitati u għalhekk ser ikunu riservati skond min japplika l-ewwel. In-numru ta’ parteċipanti min kull organizzazzjoni jista’ jitnaqqas skond il-ħtieġa. L-ewwel preferenza tingħata lill-applikanti potenzjali li japplikaw taħt l-assi rilevanti miftuħa taħt din is-sejħa. Attendenza b’ reġistrazzjoni biss. Mistoqsijiet ġenerali relatati ma din is-sejħa jew mal-Politika ta’ Koeżjoni 2007 - 2013 għandhom jiġu indirizzati lis-Servizz ta’ Għajnuna *online* tal-PPCD: info.ppcd@gov.mt

**DOI – 16.09.2009**


Copyright 2000-2009, Department of Information - Government of Malta